MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 2213/1997/1

Avviz Nru  2213/97DM

Josef u Dorothy mizzewgin Tabone

vs

Hal Mann Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu s-somma ta’ hames  mija u sebgha u tmenin  Lira Maltin u tmien centezmi (Lm587.08) imhallsa lilu f’kuntratt ta’ appalt mal-atturi fejn kellhu jipprovdilhom u tillostralhom il-madum liema appalta ma sarx skond ma tirrikjedi l-arti u s-sengha, u l-madum ma kienx skond il-kwalita miftiehma jew bhall-kampjun.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tad-9 ta' Settembru 1996, kontra bis-socjeta kummercjali konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni..

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-Socjeta Hal Mann Limited fejn eccepew illi:

1 Preliminarjament, l-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti biex tisma' u l-intempestivita tal-azzjoni attrici billi skond il-kuntratt li sar bejnha u s-socjeta eccipjenti, kien miftiehem li kull ilment li seta' kellhu dwar l-appalt moghti kellu jigi riferut ghal Arbitragg;
2 L-eccipjenti m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur Josef Tabone, billi mieghu ma sar l-ebda ftehim u ghalhekk l-eccipjenti mhix il-legittimu kontradittur tat-talbiet tieghu u ghandha tigi mehlusa mill-harsien tal-gudizzju fil-konfront tieghu;
3 Fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, li t-talba attrici mhix fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u dan stante li kemm il-materjal u kif ukoll ix-xoghol provdut mis-Socjeta eccipjenti kien skond ma kien miftiehem u skond is-sengha w l-arti;
4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza taghha moghtija fis-16 ta' Gunju, 2000,

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri tal-24 t'April, 2001, fejn dik il-Qorti annullat is-sentenza ta'din il-Qorti u reghet baghtet l-atti tal-kawza lura lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni w decizjoni skond il-ligi,

Rat id-deposizzjonijiet tax-xhieda,

Rat id-dokumenti kollha esebiti,
Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti,
Rat l-atti kollha tal-process, u
Ikkunsidrat:-.
Bl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qeghdin jeccepixxu l-intempestivita' tal-azzjoni attrici billi jsosstnu l-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti stante li bejn il-partijiet kien intlahaq ftehim ta' arbitragg u ghalhekk l-

ewwel indagini li trid issir minn din il-Qorti hija li tistabilixxi jekk effettivament kien sarx ftehim ta' arbitragg bejn il-kontendenti, imbaghad tikkunsidra jekk dan il-ftehim kienx ghadu jorbot lill-partijiet fiz-zmien illi giet ipprezentata l-azzjoni tal-atturi.

Ma tirrizultax kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi fil-fatt kien intlahaq xi ftehim dwar l-arbitragg bejniethom. Infatti fid-deposizzjonijiet taghha l-attrici stess taccetta li fil-fatt kien sar ftehim ta' arbitragg bejna w il-konvenuti.

Il-konvenuti jikkontendu illi l-ftehim kien immatura bl-ittra tal-attur tal-25 ta' Settembru, 1996, minnhom esebita a fol 44 bhala Dokument K3 minn fejn jirrizulta illi l-attrici kienet laqghat il-proposta ta' l-istess konvenuti biex il-kwistjoni bejniethom titressaq ghad-decizjoni permezz ta' arbitru.

In oltre l-Qorti ghandha tirrileva wkoll illi dan l-iskambju ta' ittri ghandu jigi meqjus bhala sufficjenti biex jikkostitwixxi l-att ta' arbitragg kif ikkontemplat fit-Titolu 16 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta; u a tenur tal-Artiklu 970(1) ta' l-istess Kapitolu 12 dan l-iskambju ta' ittri ghandu jitqies bhala kitba privata li jikkostitwixxi l-att tal-arbitragg.

Izda jirrizulta wkoll inkontestat illi ma sar ebda ftehim dwar iz-zmien li fih dak l-att ta' arbitragg kellu jibqa' jsehh, u l-Artiklu 973 ta' l-istess Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi illi meta z-zmien li fih ghandu jibqa' jsehh l-arbitragg ma jigix imsemmi, l-att ta' arbitragg jispicca milli jsehh wara sitt xhur f'affarijiet ta' kummerc jew wara sena f'affarijiet ohra.

Billi din il-kwistjoni ma tirrizultax li hija wahda li tinkwadra ruhha f'affari ta' kummerc, allura wiehed ghandu issa jiddetermina jekk fil-prezentata tal-avviz kienx skadiet is-sena kontemplata mill-Artiklu 973 sabiex jigi kkonstatat jekk l-att ta' arbitragg kienx ghadu jsehh.

Billi jirrizulta illi l-att ta' arbitragg gie fis-sehh bir-risposta tal-attrici permezz tal-ittra tal-25 ta' Settembru, 1996, ghandu jigi meqjus li l-att ta' arbitragg gie fis-sehh f'dak il-jum.

U ghalhekk dan l-att skada fil-25 ta' Settembru, 1997. Irrizulta illi l-avviz gie prezentat fit-23 t'Ottubru, 1997, u ghalhekk wara l-gheluq tas-sena mid-data li fiha kien beda jsehh l-att tal-Arbitragg.

Ghaldaqstant billi fid-data tal-prezentata tal-avviz l-att ta' arbitragg ma kienx ghadu fis-sehh, din il-Qorti kellha l-gurisdizzjoni li tisma' l-kaz in ezami  u ghalhekk qeghda tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti.

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, permezz ta' liema qeghda tallega li m'ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attur Josef Tabone, jirrizulta illi l-kuntratt tal-appalt kien sar esklusivament bejn l-attrici Dorothy Tabone qabel iz-zwieg taghha u meta kien ghad kellha l-kunjom Bongailas.  Ghalhekk billi l-attur Josef Tabone ma kienx parti fil-kuntratt tal-appalt huwa m'ghandu ebda interess guridiku f'din il-kawza u l-kuntratt jirrigwarda esklusivament lill-attrici u l-proprjeta' parafernali taghha.

Billi, meta si tratta ta' beni parafernali a tenur tal-Artiklu 1334(2) ta' Kap. 16, l-amministrazzjoni ta' l-istess lanqas ma taqa' b'xi mod f'idejn ir-ragel izda tibqa esklusivament f'idejn dik il-parti fiz-zwieg li taghha ikunu l-beni w billi jirrizulta li dan il-madum in kwisjoni kienu gew mixtrija mill-attrici qabel iz-zwieg, l-attur Josef Tabone jirrizulta li m'ghandu ebda interess guridiku f'din il-kawza lanqas bhala amministratur u ghaldaqstant tilqa t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u tiddikjara illi Josef Tabone m'ghandu ebda interess guridiku w relazzjoni guridika mal-konvenuti w tichad it-talba tieghu fil-konfront tal-kumpanija konvenuta minghajr pregudizzju pero' ghat-talba tal-attrici fil-konfront ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu, billi din hija materja purament ta' natura teknika w nonstante li l-partijiet ma talbux in-nomina ta' perit tekniku din il-Qorti qeghda minn jedda tiddikjara li ser tghaddi ghan-nomina ta' perit tekniku w qeghda tiddeferrixxi din il-kawza sabiex il-partijiet jifthemu w jipproponu l-isem ta' perit tekniku.

Bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Magt. Dr. D. Montebello B.A. LLD.

Sandra Farrugia
Dep. Reg. Civ. 30